MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Numru. 641/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Hersey)**

**Vs**

**Ebeid Osama ta’ 48 sena iben Nmer u Sara imwieled l-Gaza fil-19.04.65 u joqghod 37, Paola Hill, Paola detentur ta’ karta ta’l-identita nru. 490195(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ebeid Osama li gie akkuzat talli fit-03 ta’ Gunju 2010 u fil-jiem ta’ qabel, gewwa l-Msida u f’partijiet ohra f’dawn il-gzejjer, impjega jew ta xoghol lill-persuna (Aiman Mohammed Snousi passaport temporanju nru 4611) li ma kienx persuna ezenti u li ma kellux licenzja moghtija lilu ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 32(1)(b) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U akkuzat ukoll, talli fl-istess cirkostanzi bhala persuna responsabbli tax-xoghol li kien qed isir gewwa bini f'Triq Xmiexi, Msida, u nhawi ohra f'Malta, impjega persuna (Aiman Mohammed Snousi passaport temporanju nru: 4611) li ma kienx cittadin ta' Malta, u meta din il-persuna ma kellhiex permess tax-xoghol validu ufficjali.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li timpjega persuni ohra, full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, inqast li tinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impieg lif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (Art.7 u 3a).

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-06 ta' April 2011 sabiex dana l-kaz jigi tratta u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qed jigi akkuzat li haddem persuna ta' nazzjonalita barranija f'xoghol ta' tikhil u zebgha u dana f' Gunju tas-sena 2010 minghajr il-permessi necessarji skond il-ligi. Illi l-imputat jaghti ix-xhieda tieghu fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012. Fix-xhieda tieghu huwa jammetti illi Snousi gieli ghamillu xi xoghol u kien ihallsu ghal kull bicca xoghol li kien ighamillu. Dana huwa ikkonfermat ukoll fix-xhieda tal-pulizija li investigaw dana il-kaz li isostnu illi meta l-imputat u Aiman Mohamed Snousi gew interrogati fil-Kwartieri Genrali tal-Pulizija, l-imputat fil-presenza taghhom ghadda s-somma ta' €50 lil Snousi ghal xi xoghol li kien ghamel u dana wara lil Snousi gibidlu l-attenzjoni ghal fatt illi huwa kien ghadu ma hallsux ghal xi jumejn xoghol. Illi jirrizulta ukoll illi meta il-pulizija accedew fil-fond fl-Imsida fejn gie indikat lilhom f'rapport anonimu, instab Snousi qieghed jahdem u kien hemm ukoll l-imputat.

Illi mix-xhieda ta' Jennifer Debono, rapprezentant tal-Employment and Training Corporation, jirrizulta illi l-imputat kellu *work permit* li madanakollu skada fis-16 ta' April 2010.

Illi d-difiza targumenta illi Snousi ma kienx impjegat mal-imputat b'mod regolari izda kien jahdem mieghu bi ftehim ta' *sub-contracting*. Illi l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi persuna tinstab hatja tar-reat mhux biss jekk timpjega persuna strangiera minghajr permessi validi izda ukoll jekk tghaddielha xi xoghol u dana bhal kif gara fil-kaz in dizamina.

Ghaldaqstant ma hemmx dubbju li l-akkuzi jirrizultaw sufficjentement ippruvati billi l-imputat ghadda xoghol lil persuna ta' nazzjonalita barranija u hallsu ghall-istess xoghol minghajr ma qabel kiseb il-permessi validi skond il-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217, 3(a), 7 u 10 tal-Avviz Legali 110 tal-1993 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------